**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 38

13 ta' Gunju 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana - Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI**:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 38.1 | Qari ta' ittri ta' apologiji |
| 38.1 | Ma kienx hemm |
| 38.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 38.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 37, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 38.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Daniel Zerafa issekondata mis-Sa. Janice Chetcuti, il-minuti ta' seduta 37, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 38.2.3 | Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett. |
| 38.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 38.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-16 ta' Gunju 2017, flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghall-varar ta' fond kulturali mniehdi mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali. |
| 38.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsil Lokali illi nhar it-30 ta' Mejju 2017, flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' ma' rapprezentanti tas-suq fil-berah bil-ghan illi jigu ezaminati applikazzjonijiet li kienu gew sottomessi mill-istess bejjiegha ghall-irtirar tal-posti. |
| 38.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-12 ta' Gunju 2017, kienet inzammet laqgha tar-Regjun Xlokk li matulha fost l-ohrajn kien gie diskuss l-involviment tal-Kunsill Lokali fi progett URBACT |
| 38.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 38.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa " L-istage tal-pjazza u il-bollard tax-Xatt"<br>Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali kellu laqgha ma' Transport Malta rigward bus stop li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda. Wara diskussjoni libera, gie deciz illi kellhom jinkisbu stimi ghal bollards fi Triq Xatt is-Sajjieda |
| 38.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa " X'passi ser niehdu dwar l-imwejjed u siggijiet ; l-ahhar bye-law li ghamilna"<br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv filwaqt li sahaq li kien jinhtieg permess mill-Kunsill Lokali dwar l-imwejjed u siggijiet, bye-law li kienet giet abbozzata kien jinhtieg li tigi diskussa qabel titpogga ghall-konsultazzjoni pubblika u eventwalment approvata waqt seduta tal-Kunsill Lokali.h |
| 38.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-bandla ta' gnien il-familja, " tabelli tal-iskalien"<br>Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li rigward il-bandla ta' Gnien il-Familja kien jinhtieg li jinstab perit sabiex jipprepara l-kundizzjonijiet specifici bil-ghan illi tkun tista' tinhareg sejha ghall-offerti. |
| 38.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Il-fanali tax-Xatt"<br>Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, u sabiex jigu ccarati diffikultajiet li kienu instabu fl-installazzjoni ta' fanali li kien inxtraw, il-Kunsill Lokali kellu jikkordina laqgha bejn E.Calleja |

| | |
|---|---|
| | & Sons u Nexos Street Lighting Ltd. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku. |
| 38.5 | Rapporti |
| 38.5.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' assi li kien qieghed jigi propost illi jsir write off taghhom mill-Fixed Assets Register. Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Daniel Zerafa ssekondata mis-Sur Steven Grech il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hija annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| F'dan l-istadju harget mis-seduta il-Kunsilliera Janice Chetcuti (17:18) | |
| 38.5.2 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' risposta ghall-management letter li l-Kunsill Lokali kien ircieva ghas-sena 2016 u stieden lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjegal-kontenut tad-dokument. |
| 38.5.3 | Wara li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega l-punti elenkati mill-udituri tal-Gvern u r-risposti li kien u gew imhejjija mill-Kunsill Lokali, fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost. |
| 38.5.4 | Is-Sindku pprezenta rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kien jirrikjedi decizjoni mill-Kunsill Lokai. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:<br><br>- Gie deciz illi korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li kienet tikkoncerna study visits ghall-Commonwealth Local Government Conference kellha tigi mghoddija lis-Sindku sabiex ikun jista' japplika f'isem il-Kunsill Lokali.<br>- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bil-kundizzjonijiet li riedu jintlehqu sabiex ikunu jistghu isiru korsijiet permezz tal-programm Lifelong Learning 2017-2020.<br>- Permezz ta' korrispondenza datata 22 ta' Mejju 2017,il-Kunsill Lokali kien talab illi b'mod immedjat tittiehed azzjoni dwar opra tal-bahar li kienet inkaljata fiz-zona tal-maghluq. F'risposta li rcieva l-Kunsill Lokali Transport Malta sahqet illi kienet ser tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet.<br>- Permezz ta' ittra datata 29 t'April 2017, il-Kunsill Lokali ircieva pagament ta' €3672.28 minghand l-agenzija LESA bhala pagament ta' distribuzzjoni.<br>- Permezz ta' avvizi li deheru fil-gazzetta tal-Gvern, l-Awtorita' tal-Ippjanar habbret li kienet irceviet is-segwenti applikazzjonijiet ghal zvilupp: PA/00394/16, PA/05596/16, PA/06210/16, PA/03509/17, PA/03578/17, PA/03652/17, PA/03698/17, PA/04576/09, PA/05620/16, PA/02121/17, RG/01445/17, PA/03545/17, PA/03681/17, PA/03848/17, PA/01188/17, PA/02499/17, PA/05540/17, PA/06486/17, PA/07000/16, PA/00592.17, RG/01305/17, PA/03917/17, PA/04153/17,PA/04182/17, RG/01542/17, PA/03361/16, PC/0057/07, PA/04253/17, PA/04593/17, RG/01772/17, RG/01773/17, RG/01783/17, PA/02217/17 u PA/00539/17. Wara li gew ezaminati l-applikazzjonijiet b'mod individwali gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jghaddi lill-Awtorita' tal-Ippjanar document li kellu rigward applikazzjoni numru PA/011881/7 u kellu jigi rregistrat l-interess tal-Kunsill Lokali ghal applikazzjoni numru PA/03917/17.<br>- Wara li inqrat korrispondenza, gie deciz illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li kienet ressqet l-ghaqda gbir tan-nar Pompei sabiex tittella' attivita' taht tinda li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda nhar it-tlieta 25 ta' Lulju 2017. |

| | |
|---|---|
| | - Giet approvata stima ta' €666 minghand BTI uniforms ghal xiri ta' uniformijiet ghall-impjegati klerikali.<br>- Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ittiehdet azzjoni rigward ittra li kien ircieva l-Kunsill Lokali minghand l-Avv. Jonathan Attard rigward allegati hlasijiet dovuti lil Frans Bonnici. |
| 38.6 | Mozzjonijiet |
| 38.6.1 | Ma kienx hemm |
| 38.7 | Sejhiet ghall-offerti |
| 38.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' Ronald Bezzina ghall-knis ta' toroq kien wasal biex jaghlaq it-tielet sena tieghu u ghaldaqstant kien jinhtieg illi tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid. Wara li gew diskussi d-dettalji tal-kontenut tas-sejha gie deciz illi l-ufficjali assocjati mal-process ta' evalwazzoni tal-offerti kellhom ikunu s-segwenti :<br>-Caroline Desira (Opening Staff)<br>- Joan Mifsud (Opening Staff)<br>-Daniel Zerafa (ES)<br>- Janice Chetcuti (ES)<br>- Steven Grech (ES)<br>- Horace Gauci (ESR)<br>- Duncan Hall (ES) |
| 38.7.2 | Is-Sindku fakkar lil dawk involuti sabiex fl-iqsar zmien possibbli issir l-evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti numru MXLC01/2017 u infurmahom illi kienet qrib id-data ta' gheluq tas-sottomissjonijiet ghal sejha ghall-offerti numru MXLC02/2017. |
| 38.8 | Rapport Annwali Amministrattiv |
| 38.8.01 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport annwali amministrattiv ghas-sena 2016. Wara li inqara d-dokument u gie diskuss mill-Kunsill Lokali, fuq proposta tas-Sur Steven Grech ssekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost. |
| 38.9 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 38.9.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 6/17 ) ghall-approvazzjoni. |
| 38.9.2 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mill-Kunsillier Stephen Caruana, il- Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti |
| 38.9.3 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash mahrug matul April u Mejju 2017 ghall-approvazzjoni. |
| 38.9.4 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mis-Sindku, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |

| | |
|---|---|
| 38.10 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 38.10.01 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2017 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Lulju 2017

IFFIRMATI

______________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

_________________
Duncan Hall
Deputat Segretarju Eżekuttiv